

32004D0811

30.11.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 354/85

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2004/811/PESK

tal- 5 ta' Lulju 2004

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPOL Proxima) f'Dik li Qabel Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPOL Proxima) f'Dik li Qabel Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja hu b'dan approvat għan-nom ta' l-Unjoni Ewropea.

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

It-test tal-Ftehim hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Billi:

Artikolu 2

(1) Fid-29 ta' Settembru 2003 il-Kunsill addotta Azzjoni Konġunta 2003/681/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPOL Proxima) f'dik li Qabel Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ⁽¹⁾.

Il-President tal-Kunsill hu b'dan awtorizzat li jinnomina 'l persuna mogħtija s-setgħa li tiffirma l-Ftehim sabiex jorbot lill-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

(2) L-Artikolu 9(6) ta' dik l-Azzjoni Konġunta jipprovdi li arranġamenti dettaljati dwar il-parteċipazzjoni ta' Stati Terzi għandhom ikunu s-suġġett ta' ftehim, skond l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Din id-Deċiżjoni għandha tibda sseħħ fil-jum ta' meta tiġi adottata.

Artikolu 4

(3) Wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Marzu 2004 li tawtorizza lill-Presidenza, mgħejjuna fejn meħtieġ mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli biex tiftaħ negozjati, l-Presidenza nnegozjat ftehim mar-Renju tan-Norveġja dwar il-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPOL Proxima) f'dik li Qabel Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

G. ZALM

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

⁽¹⁾ OJ L 249, 1.10.2003, p. 66.

22004A1130(03)

L 354/86

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.11.2004

FTEHIM

bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-parteeipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Dik li Qabel Kienet r-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (EUPOL "Proxima")

L-UNJONI EWROPEA,

min-naħa l waħda, u

R-RENJU TAN-NORVEĠJA,

min-naħa l oħra,

Flimkien minn issa l quddiem imsejja l-"Partijiet Parteeipanti",

WAQT LI JITTIEĦED KONT TA':

- l-adozzjoni mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea fid-29 ta' Settembru 2003 ta' l-Azzjoni Konġunta 2003/681/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Dik li Qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ("EUPOL Proxima")⁽¹⁾, li tiddikjara li l-Istati li ser jissiehu huma mistiedna u Stati terzi oħra jistgħu jiġu mistiedna biex jikkontribwixxu għall-EUPOL "Proxima",
- l-istedina lir-Renju tan-Norveġja sabiex jipparteċipa fl-EUPOL "Proxima",
- it-temma b'suċċess tal-proċess ta' Ġenerazzjoni ta' Forza u r-rakkomandazzjoni mill-Kap tal-Pulizija tal-Missjoni u l-Kumitat għal Aspetti Pajżana ta' l-Immaniġġar ta' Kriżijiet biex jiftiehem fuq il-parteeipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fl-EUPOL "Proxima",
- id-deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtá ta' l-10 ta' Frar 2004 li jiġi aċċettat il-kontribuzzjoni tar-Renju tan-Norveġja għall-EUPOL "Proxima",
- il-ftehim konkluż fil-11 ta' Diċembru 2003 bejn l-UE u Dik li Qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar l-istatus u l-attivitajiet ta' l-EUPOL "Proxima" f'Dik li Qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja⁽²⁾, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar l-istatus tal-persunal ta' l-EUPOL "Proxima",

QABLU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1***Kwadru**

1. Ir-Renju tan-Norveġja għandu jassoċja ruħu mad-dispożizzjonijiet ta' l-Azzjoni Konġunta 2003/681/PESK dwar l-EUPOL "Proxima" adottata mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea fid-29 ta' Settembru 2003, u ma' kull Azzjoni Konġunta jew Deċiżjoni li biha l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea jista' jiddeċiedi li jestendi l-EUPOL "Proxima".

2. Il-kontribuzzjoni tar-Renju tan-Norveġja għall-EUPOL "Proxima" hija mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 2***Status tal-persunal**

1. L-istatus tal-persunal issekondat lill-EUPOL "Proxima" mir-Renju tan-Norveġja għandu jkun irregolat mill-ftehim konkluż fil-11 ta' Diċembru 2003 bejn l-UE u Dik li Qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar l-istatus u l-attivitajiet

ta' l-EUPOL "Proxima" f'Dik li Qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

2. Mingħajr preġudizzju għall-ftehim bejn l-UE u Dik li Qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar l-istatus u l-attivitajiet ta' l-EUPOL "Proxima" f'Dik li Qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Renju tan-Norveġja għandu jeżerċita ġurisdizzjoni fuq il-persunal tiegħu li jkun qed jipparteċipa fl-EUPOL "Proxima".

3. Ir-Renju tan-Norveġja għandu jkun responsabbli biex iwieġeb għal kull pretensjoni marbuta mal-parteeipazzjoni fl-EUPOL "Proxima", minn jew li tikkonċerna kwalunkwe wieħed jew waħda mill-persunal tiegħu. Ir-Renju tan-Norveġja għandu jkun responsabbli sabiex iressaq kwalunkwe azzjoni, b'mod partikolari legali jew dixxiplinarja, kontra kwalunkwe wieħed jew waħda mill-persunal tiegħu.

4. Ir-Renju tan-Norveġja għandu jirrinunzja kull pretensjoni kontra kwalunkwe Stat li jkun qed jipparteċipa fl-EUPOL "Proxima", għal korrimment, mewt ta' persunal tar-Renju tan-Norveġja, jew dannu lil, jew telf ta', kwalunkwe assi tiegħu stess u użati mill-EUPOL "Proxima" jekk tali korrimment, mewt, dannu jew telf:

⁽¹⁾ ĠU L 249, 1.10.2003, p. 66

⁽²⁾ ĠU L 16, 23.1.2004, p. 65.

- kien ikkawżat mill-persunal ta' l-EUPOL "Proxima" fl-eżekuzzjoni tad-doveri tagħhom b'konnessjoni ma' l-operazzjoni, ħlief f'każ ta' negliġenza gravi jew kondotta ħażina volontarja,
- jew irriżulta mill-użu ta' kwalunkwe assi ta' Stati li jkunu qed jipparteċipaw fl-EUPOL "Proxima", basta li l-assi ntużaw b'konnessjoni ma' l-operazzjoni u ħlief f'każ ta' negliġenza gravi jew kondotta ħażina volontarja ta' persunal ta' l-EUPOL "Proxima" li jkun qed juża' dawk l-assi.

5. L-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jimpenjaw ruħhom li jagħmlu dikjarazzjoni fir-rigward ta' l-irrinunzjar ta' pretensjonijiet, għal parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fl-EUPOL "Proxima".

Artikolu 3

Informazzjoni klassifikata

1. Ir-Renju tan-Norveġja għandu jieħu l-miżuri xierqa sabiex jassigura li informazzjoni klassifikata ta' l-UE hija mħarsa b'mod konformi mar-regolamenti tas-sigurtà tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, li jinstabu fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001⁽¹⁾, u b'mod konformi ma' gwida ulterjuri maħruġa minn awtoritajiet kompetenti, inkluż mill-Kap tal-Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija ta' l-EUPOL "Proxima".

2. Fejn l-UE u r-Renju tan-Norveġja ikunu ikkonkludew ftehim fuq proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata, id-disposizzjonijiet ta' tali ftehim għandhom japplikaw fil-kuntest ta' l-EUPOL "Proxima".

Artikolu 4

Persunal issekondat lill-EUPOL "Proxima"

1. Ir-Renju tan-Norveġja għandu jassigura li l-persunal tiegħu ssekondat lill-EUPOL "Proxima" iwettaq il-missjoni tiegħu b'mod konformi ma':

- id-dispożizzjonijiet ta' l-Azzjoni Konġunta 2003/681/PESK u emendi sussegwenti kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) ta' dan il-Ftehim;
- il-Pjan ta' l-Operazzjoni;
- Miżuri ta' implimentazzjoni.

2. Ir-Renju tan-Norveġja għandu jinforma fi żmien debitu lill-Kap tal-Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija ta' l-EUPOL "Proxima" u lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea bi kwalunkwe bidla fil-kontribuzzjoni tiegħu fl-EUPOL "Proxima".

3. Persunal issekondat lill-EUPOL "Proxima" għandu jagħmel eżami mediku, vaċċinazzjoni u għandu jkun ċertifikat medikament f'saħħtu għax-xogħol minn awtorità kompetenti mir-Renju tan-Norveġja. Persunal issekondat lill-EUPOL "Proxima" għandu jipproduċi kopja ta' din iċ-ċertifikazzjoni.

4. Uffiċċjali tal-pulizija issekondati għandhom jaħdmu fl-uniformijiet tal-pulizija nazzjonali tagħhom. Berèjiet u insinja għandhom jiġu ipprovduti mill-EUPOL "Proxima".

Artikolu 5

Linja ta' kmand

1. Persunal issekondat mir-Renju tan-Norveġja għandu jaqdi dmirijietu u jgħib ruħu bl-interessi ta' l-EUPOL "Proxima" biss f'moħħu.

2. Il-persunal kollu għandu jibqa' taħt il-kmand totali ta' l-awtoritajiet nazzjonali tiegħu.

3. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrasferixxu l-Kontroll Operazzjonali (OPCON) lill-Kap tal-Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija ta' l-EUPOL "Proxima" li għandu jeżerċita dak il-kmand u kontroll permezz ta' struttura ġerarkika ta' kmand u kontroll.

4. Il-Kap tal-Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija għandu jmexxi l-EUPOL "Proxima" u jassumi l-amministrazzjoni ta' kuljum tagħha.

5. Ir-Renju tan-Norveġja għandu jkollu l-istess drittijiet u obbligi f'termini ta' amministrazzjoni ta' kuljum ta' l-operazzjoni bħal Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea li jkunu qed jieħdu sehem fl-operazzjoni, skond l-Artikolu 9, paragrafu 4, ta' l-Azzjoni Konġunta 2003/681/PESK.

6. Il-Kap tal-Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija ta' l-EUPOL "Proxima" għandu jkun responsabbli għal kontroll dixiplinarju fuq il-persunal ta' l-operazzjoni. Meta jkun meħtieġ, azzjoni dixiplinarja għandha tittieħed mill-awtorità nazzjonali konċernata.

7. Għandu jiġi maħtur Punt ta' Kuntatt Kontinġenti nazzjonali (NPC) mir-Renju tan-Norveġja biex jirrappreżenta l-kontinġenti nazzjonali tiegħu fl-operazzjoni. L-NPCs għandhom jirrapurtaw lill-Kap tal-Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija ta' l-EUPOL "Proxima" dwar materji nazzjonali u għandu jkun responsabbli għad-dixiplina kontinġenti ta' kuljum.

⁽¹⁾ ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1.

8. Id-deċiżjoni biex tintemm l-operazzjoni għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea wara konsultazzjoni mar-Renju tan-Norveġja, basta li dan l-Istat ikun għadu jikkontribwixxi fl-EUPOL "Proxima" fid-data tat-tmiem ta' l-operazzjoni.

Artikolu 6

Aspetti finanzjarji

1. Ir-Renju tan-Norveġja għandu jassumi l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-parteċipazzjoni tiegħu fl-operazzjoni minbarra l-ispejjeż, li huma suġġetti għall-finanzjament komuni ta' l-UE, kif stabbilit fl-estimi operazzjonali ta' l-operazzjoni.

2. Ir-Renju tan-Norveġja għandu jikkunsidra li jagħmel kontribuzzjonijiet ta' natura volontarja.

3. F'każ ta' tali kontribuzzjonijiet ta' natura volontarja, arranġament fuq il-modalitajiet prattiċi tal-ħlas għandhom jiġu iffirmati bejn il-Kap tal-Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija ta' l-EUPOL "Proxima" u s-servizzi amministrattivi rilevanti tar-Renju tan-Norveġja dwar il-kontribuzzjonijiet tar-Renju tan-Norveġja għall-estimi operazzjonali ta' l-EUPOL "Proxima". Dan l-arranġament għandu, *inter alia*, jinkludi d-dispożizzjonijiet li ġejjen:

- (a) l-ammont konċernat;
- (b) l-arranġamenti għall-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja;
- (c) il-proċedura tal-verifika tal-kontijiet.

4. F'każ ta' mewt, korriment, telf jew danni lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi minn Dik li Qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Renju tan-Norveġja għandu, meta r-responsabbiltà tiegħu tkun għet stabbilita, iħallas kumpens skond il-kondizzjonijiet previsti fil-ftehim dwar l-istatus tal-missjoni kif imsemmi fl-Artikolu 2(1) tal-Ftehim.

Artikolu 7

Nuqqas ta' konformità

Jekk waħda mill-Partijiet tonqos milli tikkonforma ma' l-obbligi tagħha stabbiliti fl-Artikoli preċedenti, il-Parti l-oħra għandu jkollha d-dritt li ttemm dan il-Ftehim billi tagħti avviż ta' xahar.

Artikolu 8

Riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet

Kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu riżolti b'mezzi diplomatiċi bejn il-Partijiet.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara li l-Partijiet ikunu innotifikaw lil xulxin bitmiem tal-proċeduri interni meħtieġa għal dan l-iskop.

2. Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod provviżorju mid-data ta' l-iffirmar.

3. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat abbażi ta' ftehim reċiproku bil-miktub bejn il-Partijiet.

4. Dan il-Ftehim jista' jiġi ddenunzjat minn Parti waħda b'avviż ta' denunzja bil-miktub mogħti lill-Parti l-oħra. Tali denunzja għandha tibda sseħħ sitt xhur wara li l-Parti l-oħra tirċievi n-notifika.

Magħmul fi Brussel, id-9 ta' Settembru 2004 bl-Ingliż ferba' kopji.

Għall-Unjoni Ewropea

Għar-Renju tan-Norveġja


